# Qorti tal-Magistrati (Malta)

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Cam.)**

**Rikors Nru.: 97/2017 CSH**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali numru 399/2017 fl-ismijiet:**

**Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma**

**Vs**

**John Said**

**Illum 15 ta' Novembru, 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' John Said (309470M) a tenur tal-Artikolu 466 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn espona s-segwenti:

"*L-esponent **jopponi ruhu** ghall-interpellanza tar-Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma stante li l-pretensjonijiet tar-Regolatur intimat huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

1. *Qabel xejn, il-pretensjonijiet tar-Regolatur intimat inkluz ir-regolamenti applikabbli taht il-Legislazzjoni Sussidjarja 545.07 (Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Swimming Pools) li a bazi taghhom ir-Regolatur qed isejjes il-pretensjonijiet tieghu huma lezivi tad-drittijiet patrimonjali u fundamentali tal-esponent, inkluz dawk sanciti bl-artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

2. *F'kull kaz, il-pretensjonijiet tar-Regolatur intimat huma, in parte, preskritti, stante li t-talba tar-Regolatur qed issir fir-rigward ta' hlas ta' licenzji ta' bejn is-snin 2007 u 2017, l-ahhar skadenza kien allegatament dovuta fl-1 ta' Jannar 2017. Dan ifisser li l-hlasijiet mitluba mir-Regolatur intimat ghas-snin 2007, 2008, 2009, 2010, 2011, 2012, 2013, 2014 u 2015 huma preskritti a tenur tal-artikolu 2143 tal-Kodici Civili.*

3. *Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk il-hlasijiet pretizi mir-Regolatur intimat jitqiesu li jikkwalifikaw bhala 'taxxi', il-hlasijiet tal-arretrati ta' licenzji ghas-snin 2007, 2008, 2009, 2010, 2011 u 2012 huma preskritti a tenur tal-artikolu 2156 (g) tal-Kodici Civili.*

4. *F'kull kaz, qabel illum, l-esponent qatt ma gie notifikat b'xi talba ghall-hlas tal-licenzji pretizi mir-Regolatur intimat, u ghalhekk il-penali jew imghaxijiet jew pagament addizzjonali mitlub mir-Regolatur, mhuwiex dovut. F'kull kaz ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-regolament 8 tal-L.S. 545.07 jindika li kwalsiasi penali jitqiesu dovuti meta l-imsemmi swimming pool ikun qed jigi uzat minghajr permess jew licenzja. Ghalhekk, qabel xejn, ir-*

*Regolatur ghandu jindika li l-istess swimming pool m'ghandux permess jew licenzja.*

5. *F'kull kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-Regolatur intimat huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez".*

Ghaldaqstant, ghar-ragunijet kollha hawn fuq indikati, l-esponent talab bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li:

"*t-talbiet tar-Regolatur intimat bhala infondati fil-fatt u/jew fid-dritt, u dan a tenur tal-Artikolu 466 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjez*".

Rat ir-risposta tar-Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma ipprezentata fid-19 ta' April 2017 fejn espona:

"*Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

1. *Illi preliminarjament, ir-Regolatur jirrileva li minhabba l-fatt li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija ta' natura preliminari, jekk ir-rikorrenti qieghed jecepixxi l-preskrizzjoni, sta ghalih li jressq il-provi f'dan ir-rigward;*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tar-Regolatur intimat hija fondata kemm il-fatt u kif ukoll fid-dritt, kif se jirrizulta fit-trattazzjoni ta' din il-kawza, u li huma pjuttost il-pretensjonijiet esposti fir-rikors tar-rikorrenti li huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ukoll se jirrizutla fit-trattazzjoni ta' din il-kawza, inkluza l-pretensjoni li l-legislazzjoni sussidjarja 545.07 (ir-*

*Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Swimming Pools), hija leziva ghad-drittijiet patrimonjali u fundamentali tal-esponent;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kreditu pretiz mir-Regolatur jirrizulta mir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Swimming Pools (L. S. 545.07), fejn hemm stipulati d-drittijiet ta' licenzja li ghandhom jithalsu skont il-ligi.*

*Illi l-ammont rikjamat mir-Regolatur intimat huwa ammont dovut mill-istess rikorrenti u dana ai termini ta' dak li tipprovi l-ligi senjatament l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghti d-dritt lir-Regolatur li jipprocedi billi jibghat ittra ufficcjali sabiex 'jigbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp maghqud stabbilit bil-ligi...ghal dritt ta' xi licenzja.' Illi fil-kaz odjern, il-licenzja mertu ta' din il-kawza hija wahda relatata mal-hlas tal-arretrati ta' drittijiet tal-licenzja SP 2508 – ghas-swimming pool, fil-fond Aleluca, Triq is-Sibbiena, Bahar ic-Caghaq, NXR 5061, mis-sena 2007 sas-sena 2017, u ta' penali ghal pagament tardiv rigward l-istess ai termini tal-kapitolu 244 tal-ligijiet ta' Malta u tal-legislazzjoni sussidjarja 545.07 u dan kif mehtieg mill-istess regolamenti.*

*Illi r-Regolatur esponenti, wara li interpella lir-rikorrent diversi drabi, ipproceda bl-imsemmija ittra ufficcjali ai termini ta' dak li l-ligi titlob u talab lill-intimat sabiex ihllas dak li hu dovut minnu. Xhieda ta' dan huma d-diversi interpellazzjonijiet li kellu biex jikkonforma ruhu (ara dok REWS anness ma' dan ir-rikors).*

*Illi minkejja dawn l-interpellazzjonijiet, ir-rikorrent qatt ma informa bl-ebda mod lir-Regolatur illi l-ammont ma kienx dovut. Illi r-Regolatur jikkonferma illi l-korrispondenza li fil-fatt kien hemm, u jirrizerva li jipprezenta kull dokumentazzjoni ohra fil-mori tat-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra b'rizerva li jekk ikun il-kaz ir-rikorrent jigi deferit ghall-gurament decizorju kif hemm provdut fl-artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jigi rilevat li l-procedura li esegwa r-Regolatur esponenti hija wahda li permezz taghha r-Regolatur esponenti:*

*i) ghandha effett daqslikieku hi gudikat tal-Qorti kompetenti;*

*ii) hi wahda legittima li saret ai termini ta' dak li jitlob l-istess artikolu;*

*iii) ma hemm l-ebda bazi li fuqha t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi milqugha billi r-rikorrenti ma ghandu ebda bazi legali li fuqha jista' jikkontesta t-talba tar-Regolatur esponenti*;

Ghaldaqstant, ir-Regolatur esponenti umilment talab "*li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih*.'

Illi fit-8 ta' Gunju 2017, xehed **John Said** u kkonferma li ma kien ircieva l-ebda ittra ufficcjali bhala kommunikazzjoni mill-intimat qabel l-ittra ufficjali esebita f'dawn l-atti li hija datata 21 ta' Frar 2017 u li tinsab inserita fl-atti a fol. 3 tal-process.

Illi fit-28 ta' Gunju, 2017 xehdet **Rachel Schooling**, impjegata tar-Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma. Ikkonfermat li hija responsabbli mil-licenzji tal-pools. Ikkonfermat li John Said ghandu licenzja biex ikollu pool fir-residenza tieghu ghalkemm ilu ma jhallasha mis-sena 2007. Spjega li kull sena huma jibaghtu jfakkru lid-dententuri tal-licenzji li jkunu waslu biex igeddu l-licenzja taghhom u sabiex jinfurmawhom x'bilanc iridu jhallsu. Din tintbaghat fil-fond fejn tkun tinsab il-pool. Qalet li fil-fatt lil Said kienet baghtitlu *reminder* registrata, izda din kienet marret lura ghandha. Ix-xhud esebiet ir-*reminders* ta' kull sena, li gew komplessivament immarkati bhala Dok. Z. Esebiet ukoll l-ittra li kienet intbaghtitlu fis-sena 2015 flimkien mad-dokumentazzjoni tal-Maltapost, li gew immarkati bhala Dok. X. Giet esebita wkoll ittra mibghuta lilhom minn Said fejn kien qalilhom li kien jaf li kellu xi licenzji xi jhallas pero' ma kienx lest ihallashom qabel ma effettivament ikun lest il-pool. Din giet immarkata bhala Dok. Y. Hija esebiet ukoll ritratti mehuda minn

Google Earth li jindika effettivament meta l-pool tlestiet. Dawn gew immarkati Dok. S.

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors u jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

Illi fil-21 ta' Frar 2017 ir-Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma kien baghat ittra ufficcjali ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 kontra r-rikorrenti fejn talab lill-istess rikorrent odjern ihallsu s-somma ta' €1,652.40 rappresentanti din is-somma hlas ta' arretrati ta' drittijiet tal-licenzja SP 2508 ghas-*swimming pool* fil-fond Aleluca, Triq is-Sibbiena, Bahar ic-Caghaq mis-sena 2007 sas-sena 2015 u ta' penali ghal pagament tardiv rigward l-istess ai termini tal Kapitolu 545 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Legislazzjoni Sussidjarja 545.07.

Illi r-rikorrenti ma qabilx ma' din it-talba u dan ghaliex fl-ewwel lok stqarr li l-ligi li a bazi taghha qed jintalbu dawn il-flejjes hija leziva mid-drittijiet patrimonjali u fundamentali tieghu kif ukoll dawk sanciti bl-Artikolu 1 tal-Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Dwar din id-dikjarazzjoni din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ma tantx ghandha xi tghid peress li tali kwistjoni ma taqax fil-kompetenza taghha u ghalhekk semmai ir-rikorrenti messu jew ipprezenta rikors quddiem il-Prim Awla sabiex tigi trattata din il-materja jew ghamel talba *ad hoc* fejn din il-Qorti tigi mitluba taghmel Referenza Kostituzzjonali f'kaz li jidhrilha li hu l-kaz. Pero' r

rikorrenti ma ghamel xejn minn dan u ghalhekk din il-Qorti mhix ser tahli wisq zmien fuq din l-istess materja.

Fit-tieni lok pero' ir-rikorrenti qed isostni li t-talba tal-intimat hija preskritta stante li t-talba tar-Regolatur qed issir rigward hlas ta' licenzji ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2017, l-ahhar skadenza kienet allegatament dovuta fl-1 ta Jannar 2017. Illi fil-fehma tar-rikorrenti tali talba hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili. Jinghad pero' li meta gie trattat dan ir-rikors ir-rikorrenti stqatr li din kienet *lapsus calumni* ghaliex l-Artikolu kellu jkun 2153 tal-Kodici Civili u cioe' l-azzjoni tigi preskritta fi zmien sentejn.

**L-Artikolu 2153** jipprovdi is-segwenti:-

"*L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b`reat taqa` bi preskrizzjoni bl-eghluq ta` sentejn*".

Dan l-artikolu li precedentement kien l-**Artikolu 258** jirrigwarda danni derivanti minn htija jew "*culpa*" extra kontrattwali kif imsejha komunement "*Culpa Aquiliana*". Din hija applikabbli ghal danni li jitnisslu minn delitti fis-sens civili u kwazi delitti. Skond il-gurisprudenza taghna din il-preskrizzjoni tibda tghaddi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu u minnha jidderiva d-dannu, u mhux mill-jum meta l-parti leza ssir taf bih.

Fis-sentenza tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza **Stencil Pave (Malta) Ltd vs Deguara et noe**, il-Prim'Awla qalet:-

"*hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista` tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmeri li ghadda z-zmien jew billi ggib `il quddiem*

*provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa` principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq*".

Fis-sentenza tal-Prim'Awla (Imhallef M. Caruana Curran) tat-18 ta' Awissu 1965 fil-kawza **Gaetano Spiteri proprio et nomine vs Thomas Castle** (XLIX.ii.1027), saret id-distinzjoni bejn *culpa aquiliana* u *culpa* kuntrattwali u ghal liema japplika terminu ta' preskrizzjoni differenti. Intqal:

"*Il colpa aquiliana tirrikorri meta d-dannu jigi kagonat f'rapport extrakuntrattwali, cioe' tillimita ruhha ghal fatt tal-bniedem bhala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew ta' dover generali tan-neminem laedere kombinat man-negligenza taht l-art. 1075, 1076 tal-Kodici mentri l-colpa jew responsabbilta' kuntrattwali tirrisali ghal kuntratt u hija fondata fuq il-vjolazzjoni tad-dover tal-prestazzjoni li l-obbligat ghandu favur il-parti l-ohra. Ghalkemm fil-Kodici taghna l-grad ta' colpa tant f'kaz kemm f'iehor kien minn dejjem l-istess… cioe' dak tal-bonus pater familias a differenza mil-ligi Taljana li biss bil-Kodici tal-1942, abbandunat il-kuncett tad-dritt Ruman li 'in lege aqulia et levissima culpa venit', il-kawza taz-zewg kwalitajiet ta' colpa kienet minn dejjem hekk distinta fil-gurisprudenza numeruza u kostanti patrija ghal dak li jirrigwarda l-konsegwenza tad-distinzjoni fuq il-perjodu tal-preskrizzjoni………*

*Illi a propozitu ta' dana l-Onorabbli Qorti tal-Appell fi zmien iktar recenti (**Busuttil vs Schembri**, 19 ta' Frar 1954 Kol. Vol. 38, i, sez. 2, pag 2921) waqt li kkonfermat id-distinzjoni fuq imsemmija ghallmet ukoll li huwa veru li mhux kull vjolazzjoni ta' dritt ta' haddiehor fl-adempiment ta' kuntratt tikkostitwixxi kolpa kuntrattwali, izda ziedet li biex il-kolpa ma tkunx kuntrattwali jehtieg li ma jkollhiex rapport mal-kuntratt pre-ezistenti, u ghalhekk jiddependi mic-cirkostanzi l-gudizzju jekk il-colpa li wiehed mill-kontraenti jaddebita lill-iehor hijiex kuntrattwali jew aquiliana; u l-konkluzjoni taghha (l-kaz kien ta' bini hazin ta' hajt minn appaltatur) kienet illi l-colpa fil-*

*prezenza ta' kuntratt, tista' tkun aquiliana biss meta 'l fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kuntrattwali*".

Fis-sentenza riportata fil-Kollez. Vol. XXXVII.I.140, jinghad illi jezistu tliet xorta ta` danni: (i) dawk derivanti minn delitt veru u proprju; (ii) dawk l-ohra konnessi ma` htija akwiljana, u (iii) dawk dovuti naxxenti minn inadempjenza kontrattwali.

Issa huwa veru dak li jinsab ritenut illi "*il rapporto giuridico nasce appena sorga il vincolo creatore della obbligazione; e lo stesso vincolo si considera effetuarsi quando vi è l`unione della proposta e della accettazione, perche in quell momento si immedesimano in modo tale da creare il vincolo. L` offerta, pero`, perche possa produrre tale effetto così importante nel campo giuridico da costringere l` offerente alla precisa esecuzione della proposta da lui previamente fatta e in difetto, al risarcimento dei danni, deve essere precisa e determinata*" (ara Kollez. Vol. XXVIII.I.629), fl-istess waqt pero`, fl-assenza ta` dan il-vinkolu, kapaci jinholoq dannu.

Illi l-Qorti tosserva illi mill-fatti tal-każ ħareġ illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet hija dik kontrattwali u mhux *ex delictu* u dan ghaliex l-intimat fl-ittra ufficcjali tieghu allega li r-rikorrent naqas mill-obbligi taghha u cioe' li jhallas il-licenzja li hija dovuta kull sena.

Illi ir-rikorrenti ma ntalabx jixhed in subizzjoni fejn allura l-intimat seta' jsaqsi xi domandi dwar xi hlas li r-rikorrenti m'ghamilx, fejn possibilment kien ikun hemm xi ammissjoni dwar nuqqas ta' hlas.

Ghalhekk a bazi ta' dak li stqarr l-intimat stess fl-ittra ufficcjali tieghu, m'hemmx dubju li bejn il-kontendenti hemm relazzjoni kontrattwali u cioe' li r-rikorrenti ghandu *swimming pool* installat fil-proprjeta' tieghu gewwa Bahar ic-Caghaq. Dan qed jinghad skond l-ittra mibghuta mill-MRA lir-rikorrenti nhar is-26 ta' Gunju 2015, liema ittra bhala stat ta' fatt ma gietx ikkontestata mir-rikorrent. Issa skond il-Ligi Sussidjarja 545.07, ir-rikorrent ghandu jhallas licenzja skond l-Iskeda 1 ta' din il-ligi, liema skeda tipprovdi s-segwenti:-

"*Drittijiet li ghandhom jithallsu minn applikant lir-Regolatur ghas-Servizzi tal-Enerija u l-Ilma ghall-hrug jew tigdid ta' permess sabiex tinbena jew ghal-licenzja sabiex tithaddem jew tintuza swimming pool*". Issa skond l-ittra ufficcjali prezentata mill-intimat, ir-rikorrent naqas li josserva l-obbligi tieghu ghaliex ma hallasx il-licenzji.

Issa bejn is-sena 2007 u il-21 ta' Frar 2017, ma jirrizultax mill-atti li l-intimat ipprezenta xi att gudizzjarju sabiex jittenta jinterrompi l-preskrizzjoni. L-intimat jikkontendi li r-rikorrenti ghandu hlasijiet x'jaghmel ta' ghaxar snin, pero' minkejja dan il-fatt l-intimat ma ghamel l-ebda interpellazzjoni gudizzjajrja qabel ma ipprezenta din l-ittra ufficcjali numru 399/2017. Jigi rilevat biss, kif jirrizulta mill-atti processwali, li l-intimat kien baghat ittra bonarja lir-rikorrent, izda din kienet giet ritornata lura lilu.

Illi jidher li l-intimat ipprezenta l-ittra ufficcjali tieghu fi-21 ta Frar 2017 kif jidher minn kopja ta' din l-ittra esebita fl-atti a fol. 3 u ghalhekk il-hlas li huwa dovut lilu huwa mill-20 ta' Frar 2015 'il quddiem u kull hlas li talvolta seta' kien dovut qabel huwa preskritt.

**Konsegwentement din il-Qorti tiddikjara li verament parti sostanzjali minn dak mitlub mill-intimat huwa preskritt u ghalhekk ir-rikorrent ghandu jhallas biss il-kera tal-ahhar sentejn, u cioe' ir-rikorrenti ghandu jhallas ghas-sena 2015/2016 u cioe' l-ammont ta' €138 kif indikat fid-dokument esebit fl-atti a fol. 44, kif ukoll ghas-sena 2016/2017 biss u dan peress illi l-hlasijiet l-ohra huma kollha preskritti.**

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tar-rikorrent u tiddikjara li l-istess rikorrent ghandu jhallas lill-intimat dak dovut bhala hlas ta' licenzji ghas-sena 2015/2016 u ghas-sena 2016/2017.**

**Bl-ispejjez ikunu a karigu tar-rikorrent.**

Dott. C. Scerri Herrera LL.D.

Magistrat

Marbeck Spiteri

Deputat Registratur